# IT-TRIBUNAL GĦAL TALBIET ŻGĦAR

**Ġudikatur**
**AVV. JULIANA SCERRI FERRANTE**

**Seduta tat-Tnejn, 20 ta' Jannar 2020**

## SENTENZA PARZJALI

**Talba Numru 278/2019SFJ**

***Sharon Darmanin (266473M)***
***vs.***
***Francis Abela (235550M) u Carmela sive Carmen Abela (671154M)***

**It-Tribunal:**

Ra l-Avviż tat-Talba ippreżentat fl-1 ta' Ottubru 2019 li permezz tiegħu l-attriċi talbet li l-konvenuti jkunu ikkundannati jħallsuha l-ammont ta' elf u mija u dsatax-il Ewro u sitta u ħamsin ċenteżmu (€1,119.56) rappreżentanti danni ikkaġunati fuq il-vettura Chevrolet Cruze wara li waqgħu xi pannelli fotovoltaiċi fuq l-istess vettura mill-bejt proprjetà tal-konvenuti fl-indirizz 68, "Redeemer", Triq Dun Ġwann Cilia, Ħal Qormi.

Ra r-Risposta ippreżentata fit-18 ta' Ottubru 2019 li permezz tagħha l-konvenuti ressqu numru ta' eċċezzjonijiet iżda fosthom l-irritwalità u n-nullità tal-kawża stante li l-attriċi kienet diġà fetħet kawża quddiem iċ-Ċentru Malti tal-Arbitraġġ (M5731/2019) u kienet irrinunzjat għal tali atti fis-17 ta' Settembru 2019 iżda baqgħet ma ħallset xejn mill-ispejjeż u għalhekk ma setgħetx issir kawża oħra għall-istess ħaġa qabel jitħallsu tali spejjeż, u dan *ai termini* tal-Art. 907(2) tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta.

Ra li fis-seduta tad-9 ta' Diċembru 2019 saret trattazzjoni dwar l-ewwel eċċezzjoni tal-konvenuti u l-kawża tħalliet sabiex tingħata sentenza preliminari fuq l-istess eċċezzjoni.

**Konsiderazzjonijiet**

L-ewwel eċċezzjoni tal-konvenuti ġiet sostnuta mid-dokument FA1 (fol. 13). Dan id-dokument huwa kopja ta' nota ta' ċessjoni ippreżentata mill-attriċi nhar is-17 ta' Settembru 2019 fl-atti tal-Arbitraġġ Mandatorju M5731/2019) fl-ismijiet premessi.

It-Tribunal hawn jirrileva li huwa evidenti li l-avukati tal-partijiet, fit-trattazzjoni relattiva kif ukoll kif jidher mill-verbali relattivi, jaqblu li huwa minnu li din in-nota ta' ċessjoni ġiet ippreżentata fl-atti tal-arbitraġġ relattiv.

Il-kwistjoni għalhekk hija waħda li tibbaża ruħha fuq l-Art. 907(2) tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta.

L-Art. 907(2) jipprovdi:

"*Il-parti li tirrinunzja għall-atti għandha tħallas l-ispejjeż tal-kawża u hija ma tistax tibda kawża oħra għall-istess ħaġa, qabel ma tkun fil-fatt ħallset dawk l-ispejjeż lill-parti l-oħra.*"

L-attriċi ammettiet in-nuqqas u tramite l-avukat tagħha qalet li kienet lesta tħallas l-ispejjeż relattivi (verbal tat-13 ta' Novembru 2019).

L-avukat tal-konvenuti jargumenta li l-liġi hija ċara fis-sens li kemm-il darba tali ħlas ma jkunx sar, l-attriċi "*ma tistax* ***tibda kawża*****".**

L-attriċi tirribatti għal dan billi tgħid li tali nuqqas huwa wieħed sanabbli.

It-Tribunal jirreferi għas-sentenza fl-ismijiet ***John Camilleri vs. Philip Attard***, deċiża mill-Qorti tal-Appell fis-27 ta' Ġunju 2014. Fil-prim' istanza ta' dik il-kawża (ikkonfermata fl-appell), kien ġie osservat:

> "*Illi għar-rigward tal-ewwel eċċezzjoni preliminari mqajma mill-imħarrek, jidher li din tistrieħ fuq dak li jipprovdi l-artikolu 907(2) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta;*
>
> *Illi matul iż-żmien li kienet miexja l-kawża, ma tressqet l-ebda prova biex tissostanzja din l-eċċezzjoni. Il-piż ta' dik il-prova kien jaqa' fuq l-imħarrek. Din iċ-ċirkostanza reġgħet issemmiet mill-għaref difensur tal-imħarrek waqt it-trattazzjoni tal-għeluq, imma l-Qorti m'għandhiex elementi biżżejjed fl-atti tal-kawża biex issib jekk huwiex minnu jew le li l-atturi naqsu li jħallsu l-ispejjeż tal-kawża ta' qabel, jew jekk l-ewwel kawża kinitx tabilħaqq fuq l-istess suġġett;*
>
> *Illi għalhekk, bla ebda ħsara għal kull rimedju li l-imħarrek jista' jkollu dwar din il-pendenza, l-eċċezzjoni m'hijiex sejra tintlaqa'*"

It-Tribunal qiegħed jirrileva dan biss għal skopijiet ta' kompletezza u sabiex ma jonqosx li jindirizza dan il-punt.

L-attur, f'din il-kawża, ma ressaq ebda prova li l-ħlas mitlub mill-Art. 907(2) tal-Kap. 12 kien sar qabel ma nfethet l-kawza. Anzi l-attriċi ammettiet in-nuqqas u tramite l-avukat tagħha qalet li kienet lesta tħallas l-ispejjeż relattivi (verbal tat-13 ta' Novembru 2019). Minn naha l-ohra l-konvenuti ma pprezentaw ebda prova li l-kawża oħra quddiem ic- Centru tal-Arbitragg kienet saret għall-istess ħaġa kif infatti indikaw fir-risposta taghhom.

Hemm żewġ toroq li jista' jieħu t-Tribunal. It-Tribunal jista' jagħżel it-triq tar-rigorożità, li hija ferm aċċettata mill-ġurisprudenza, kif ukoll it-triq suġġerita mill-attriċi, ukoll aċċettata mill-ġurisprudenza. Hekk, fis-sentenza fl-ismijiet ***Nadia Zammit noe vs. Edward Anastasi et*** (deċiża mill-Prim' Awla fit-2 ta' Lulju 2009), il-Prim' Awla abbraċċjat interpretazzjoni stretta tal-Art. 907(2) tal-Kap. 12 u qalet li l-attriċi nomine ma setgħetx tiftaħ dik il-kawża ladarba naqset li tħallas l-ispejjeż taxxati tal-kawża bl-istess mertu li kienet marret deżerta. Fuq l-istess linji mxiet il-Qorti tal-Appell (Inferjuri) meta ma sabet xejn x'tikkritika f'deċiżjoni tat-Tribunal ta' Reviżjoni Amministrattiva (ara ***Azzopardi Waterproofing Limited vs. Transport Malta***, deċiża fit 30 ta' Lulju 2018).

It-triq inqas rigoruża iżda legalment solida ġiet ukoll abbraċċjata mill-qrati. F'dan is-sens, it-Tribunal jirreferi għall-ġurisprudenza ċitata mill-attriċi fit-trattazzjoni relattiva, jiġifieri ***Anna Ellul et vs. Anthony Caruana et***, deċiża mill-Prim' Awla fid-19 ta' Frar 2008. Il-Prim' Awla kienet qalet:

> "*Tassew illi l-art. 907(2) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili jgħid illi l-parti li tkun irrinunzjat għall-atti ma tistax tibda kawża oħra għall-istess ħaġa qabel ma tkun ħallset lill-parti l-*

> *oħra l-ispejjeż ta' l-ewwel kawża. Madankollu, dak in-nuqqas ma huwiex wieħed illi, taħt l-art. 789 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili, iġib in-nullità ta' atti ġudizzjarji.*
>
> *Għalhekk, għalkemm is-smigħ tal-kawża dwar it-talbiet ta' l-atturi ma jistax jinbeda qabel ma dawn ikunu ħallsu l-ispejjeż ta' l-ewwel kawża, il-konsegwenza tkun mhux illi jitħassru l-atti iżda illi l-kawża tibqa' sine die sakemm l-ispejjeż ikunu tħallsu."*

Minn lenti purament prattika, it-Tribunal josserva li jekk kellu jilqa' l-ewwel eċċezzjoni u konsegwentement jiddikjara l-kawża nulla u jillibera lill-konvenuti mill-osservanza tal-ġudizzju, il-pass loġiku huwa li l-konvenuti jħallsu l-ispejjeż kollha neċessarji u billi l-materja prinċipali ta' din l-azzjoni jkun għadu mhux deċiż, jiftħu kawża oħra.

Għalhekk, fid-dawl ta' dan, it-Tribunal ma jinsabx propens li jabbraċċja r-raġunament tal-konvenuti anki speċjalment fis-sens ta' żamma mal-ispirtu ta' tnaqqis ta' rigorożità endemiku għal xi liġijiet speċjali.

Għaldaqstant, it-Tribunal jiċħad l-ewwel eċċezzjoni.

## <u>**Deċide**</u>

Għaldaqstant, it-Tribunal jaqta' u jiddeċiedi billi jiċħad l-ewwel eċċezzjoni u jiddiferixxi l-kawża *sine die* sakemm l-ispejjeż tal-Arbitraġġ Mandatorju M5731/2019 jitħallsu.

It-Tribunal jordna li l-ispejjeż tal-kawża jkunu riżervati għas-sentenza finali.

**AVV. JULIANA SCERRI FERRANTE**
**B.A., L.P., Mag. Iur. (Int. Law), LL.D.**
**Ġudikatur**